MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Numru. 7/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

v

**JOHN MARY XIBERRAS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOHN MARY XIBERRAS** ta' sitta w erbghin sena, bin John u Jane nee Xuereb, imwieled x-Xewkija, Ghawdex nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 1952 u residenti 'Tal Fenek', Triq l-Imgarr, Qala, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` numru 67052G gie mressaq quddiemha akkuzata talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2004, ghal habta tan-nofs siegha ta' filghodu ddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx inkellha bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu

nbdew proceduri kriminali sabiex jisgura li dak r-eat kien sar kontra Joey Cauchi mill-Qala, Ghawdex.
Rat l-artikoli l-kunsens tal-Avukat Generali datat tmienja ta’ Mazu 2005 esibit fl-atti a fol 4 markat bhala dokument CSH sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill- mill-ezami li sar lilu nhar t-tnax ta' April 2005 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 9].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Rat l-video casette esibit fl-atti.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnax ta’ April 2005 **xehdet WPC 160 Josephine Camilleri** [fol 11] u spjegat li nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Gunju 2004 ghal habta tal-ghaxra neqsin kwart ta’ filhgodu, l-imputat kien cempel l-Ghassa u qalilhom li t-tifel tal-gara tieghu Joey Cauchi kien heddu b’arma tan-nar. Fl-istess hin kienu dahlu l-Ghassa tal-Pulizija, Joey Cauchi w ommu Doris w irrappurtaw li waqt li kienu fil-passagg li hemm bejn il-proprjeta taghhom u dik tal-imputat, l-imputat kellem lil Doris Cauchi b’mod arroganti. Stqarrew wkoll li dak l-hin Joey Cauchi hareg ‘l barra minnd aru w avvicina lil imputat u ried ikun jaf ghaliex kien imqabbad ma ommu.

Ix-xhud kompliet tghid li hi ghalhekk kellmet lil imputat u staqsietu x’kien gara u dan ammetta maghha dak li kienet qalet Doris Cauchi u cioe li kien qalilha ‘kemm ser iddum tghaddi minn hawn [b’referenza ghal passagg], pero zied jghid li ‘Joey qallu hawn xi bully’ u li beda jxejjer idejh fl-arja. Spjiega wkoll li dak l-hin Joey Cauchi dahal gewwa

u hareg b'senter f'pocket ahdar waqt li qaghad fil-verandah.

WPC Josephine Camilleri kompliet tghid li hija affrontat lil Joey Cauchi b'din l-allegazzjoni pero dan cahad li ghamel hekk. Hija staqsiet lil Joey Cauchi jekk kellux xi senter u Doris Cauchi urietu senter fil-vetrina. Staqsietu ghal xi pocket u dan qalilha li pocket ma kellux, pero search hi m'ghamlitx.

Ix-xhud ziedet tghid li rrizultalha li fuq l-post kien hemm Concetta Portelli u kellmitha wkoll u din ikkonfermatilha li verament Joey Cauchi u l-imputat kienu qed jitlewwmu bejniethom. Staqsitha jekk Joey Cauchi kellux xi arma u din wegbitha li ma ratux b'xi arma pero hija qalet li dahlet fid-dar u marret hdejn l-anzjana u ma tafx x'kien gara minn Joey Cauchi.

Joey Cauchi qalilha li huwa ghandu video casette li jigbed dak kollu li jigri fl-ekwati w ghalhekk ghaddielha l-casette sabiex ix-xhud tkun tista tarah. Ix-xhud qalet li hi rat l-imsemmi casette u fl-ebda hin ma rat lil Joey Cauchi b'xi arma. Ix-xhud esibit l-video casette l-Qorti u dan gie mmarkat bhala dokument Z.

Mistoqsija jekk kienetx hi li hadet r-rapport li allegatament ghamel l-imputat, ix-xhud wiegbet fin-negattiv u ma kienetx f'posizzjoni tghid jekk kien l-imputat jew ibnu li cempel l-Ghassa. Hi fil-fatt stqarret [fol 12] li qatt ma staqsietu jekk kienx hu li ghamel r-rapport.

Ix-xhud esibit dokument li juri lil Doris Cauchi hija licenzjata sabiex izzomm l-arma shotgun tal-ghamla Simson Suhl [foklument X a fol 15]. Ix-xhud esibit wkoll kopja tal-okkorrenza datata erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2004 markata bhala dokument Y a fol 16 tal-atti. Minn ezami ta' din l-okkorrenza jirrizulta li kienet l-persuna "Sciberras" li cemplet l-Ghassa w irrappurtat l-kaz. Ma hemm l-ebda referenza diretta lejn l-imputat li kien hu li ghamel r-rapport.

Illi nhar t-tnax ta’ April 2005 **xehdet Mary Doris Cauchi** [fol 19] fejn spjegat li dakinhar tal-incident hija kienet qed tnaddaf quddiem id-dar u kienet ser tidhol fil-passagg li hemm bejn il-proprjeta taghha u dik tal-imputat li dwaru hemm kawza civili bejniethom u dan ma halluwhiex tidhol ghal ewwel, izda wara xi ghajjat dahlet u binha Joey Cauchi li kien rieqed, sema’; l-ghajjat bejniethom u nizel ikellem lil imputat u qallu li jekk ried jghid xi haga kellu jindirizza lilu u mhux lil ommu. Hija dahlet gewwa u binha mar johrog il-karozza biex imur jixtri xi sigaretti u wara marru jghamlu rapport lil Pulizija dwar dak li kien gara. Qalet li l-incident inqala faccata tal-post int w diehel fil-passagg. Hija cahdet li binha f’xi hin hareg b’xi senter.

Illi nhar t-tnax ta’ April 2005 **xehed Joey Cauchi** [fol 21] fejn qal li hu kien rieqed d-dar fil-jum tal-incident u sema’ xi ghajjat gej minn barra bejn ommu u l-imputat. Qam, libes u hareg barra waqt li ommu dahlet gewwa u qal lil imputat li jekk kellu xi jghid xi haga, kellu jghidha lilu u mhux lil ommu. Huwa jichad li f’xi hin hareg b’arma tan-nar.

Illi nhar t-tnax ta’ April 2005 **xehdet Carmen Portelli** [fol 22] fejn qalet li tiftakar li marret ghand omm Doris Cauchi certa Salvina Cassar biex tqarbinha u rat lil Joey Cauchi hiereg mid-dar. Spjegat li dak l-hin f’idejh ma kellu xejn. Mistoqsija tispjega x’kwistjoni semghet, hija qalet li ma semghet xejn ghaliex baqghet diehla gewwa.

Illi nhar l-erbatax ta’ Lulju 2005 **xehed l-imputat** [fol 25] u spjega kif dakinhar waqt li kien hiereg mid-dar mill-passagg li hemm bejnu u bejn l-familja Cauchi, ra lil Doris Cauchi tigbed xi ritratti. Huwa dar fuqha u qalilha ‘kemm se ddum tiehu ritratti’. Huwa dak l-hin kien fil-passagg. Hija bdiet tghajjat u f’xi hin hareg binha u beda jghajjat kemm jiflah u ghalhekk dahlet gewwa. Meta rega’ hareg wara xi ftit innota li t-tifel kien ghadu fil-passagg b’pocket ta’ senter f’idejh b’arma go fih u dan qallu li “b’dak xtaq jaharqu”. Dan id-diskors sar fil-passagg. Huwa jghid li kien hu li cempel lil Pulizija u li qalilhom li Joey Cauchi kellu senter u li ried jispara ghalih.

Il-Qorti zammet access fil-passagg in kwistjoni u fil-veranda tal-kwerelanti u dan nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005 fil-presenza tal-imputat u l-parte civile. Gie rilevat li mill-veranda tal-kwerelanti dak li jigri fil-passagg ma jidhirx w ghalhekk, ghalkemm veru hemm CCTV cameras madwar d-dar tal-kwerelanti, dawn ma jigbdux dak li jigri fil-passagg.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-video casette esibit u minn ezami tal-istess jirrizulta li fih jidhru l-familja Cauchi u mhux l-imputata u fl-ebda hin ma jidher l-passagg fejn allegatament sehh l-incident jew ahjar kif rappurtat mill-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi r-rat kontemplat fis-sub artikolu 1 tal-artikolu 110 tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta, u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta komtemplata fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent ikun, b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm, fatt jew cirkostanzi bl-iskop li dan il-fatt jew cirkostanza, tkun tista tingieb bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif wkoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra billi jaghmel mill-gustizzja strument t' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor, ghar-reat kontemplat fl-atikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi nnocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizzji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik l-persuna.

Kwantu ghar-reat in dezamina u cioe dak kontemplat fis-sub artikolu 2 tal-artikolu 110 – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal fil-kaz tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni verbali jew diretta u simulazzjoni reali jew indiretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq ttracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak r-reat kien sar.

Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicemnt li l-agent ikun iddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf.

Illi l-imputat irrapporta lil Pulizija Ezekuttiva incident li fil-fehma tieghu, sehh.  Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kien qed jipprova jiddenunzja fatt li fil-fehma tieghu ma sehhx.  Dak li kellha tipprova l-Prosekuzzjoni kien li l-imputat kien qed jiffabbrika storja.

Skond s-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** nhar s-sittax ta’ Frar 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v David Mizzi**, dan l-element kostituttiv ta’ konsapevolezza tal-agenti li l-fatt denunzjat ma sehhx huwa kardinali u minghajru ma jista jissusisti ebda reat ta’ simulazzjoni verbali.

Illi ghalhekk a bazi ta’ din il-prova, il-Prosekuzzjoni messha harget akkuzi kontra l-kwerelanti Cauchi talli kiser l-paci pubblika b’ghajjat u glied u talli nsulenta lil imputat u kontra Joey Cauchi li hedded b’arma tan-nar lil imputat w imbaghad sta ghal Qorti tezamina l-provi li kien hemm u mhux taqbad u takkuza lil imputat b’dan r-reat li ddenunzja lil Pulizija tracci ta’ reat li kien jaf li ma sarx.

Hija l-Qorti li trid taghmel apprezzament tal-fatti u tara min hu hati u minn m’huwiex u mhux il-Prosekuzzjoni li temmen parti u mhux ohra.  Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tressaq l-provi kollha, favur u kontra, w imbaghad d-decizjoni dwar il-fatti  tinghata mill-Qorti.

F’dan il-kaz ghandna lil imputat li qed jghid li verament Joey Cauchi kellu arma u lil Concetta Portelli, xhud indipendenti, li tghid li ma rat xejn ghaliex baqghet diehla biex tqarben lil Salvina Cassar, lil Doris Cauchi li tghid li binha hareg wahdu waqt li kien gewwa u lil Joey Cauchi li jichad li kellu arma, ghalkemm arma fid-dar ma kienx hemm u search ghal pouch taghha ma sarx.

Ghalhekk, in vista tas-suespost, **il-Qorti ma thossx lil l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha w**

**ghalhekk tiddecidi li tillibera lil imputat JOHN MARY XIBERRAS minn din l-akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------